Kitba ta'
**Charles Coleiro**



# "Il-Malta" tal-Isla

## Ġrajjiet mill-Istorja u l-Folklor

Settembru huwa x-xahar ta' elf tifkira. Settembru jqanqalna u jgħaqqadna flimkien biex nidħlu fil-qalba tal-Istorja. Fuq kollox hemm paġna li tagħti ġieħ lill-Isla, imsejħa bir-raġun "Il-Belt Qatt Mirbuħa" li flimkien mar-Rebħa tal-1565 tgħaqqad il-ġieħ ukoll li tagħti lis-Sultana ta' din il-belt fit-tifkira tat-Twelid tagħha..

Insibu li l-Isla minn dejjem sabet l-okkażjoni biex issellem lill-qalbiena li ssieltu u wħud minnhom ħallew ħajjithom fuq is-swar, imkenna mill-Arkanġlu San Mikiel. Din it-Tifkira ta' Tmiem l-Assedju tniżżlet b'għożża b'ġieħ Art Twelidna u fix-xbieha ta' Malta Rebbieħa s-Sengleani baqgħu jfakkru l-qlubija tal-imgħoddi.

L-imħabba għal Malta tagħna twieldet ukoll miegħi mill-istess ġenituri u fejn ħallejt din ix-xhieda fil-versi li ktibt:

**Hawn, f'din il-belt tas-swar**
**mifruxa fuq il-baħar**
**li saq u ħarrab**
**l-għedewwa barranin**
**hawn f'din il-belt tas-swar mibnija**
**bl-għaraq tal-qalbenin**
**hawn, fuq ħaddejja**
**ġelbnet bla naf, bla rrid**
**l-ewwel demgħa.**
**l-ewwel bikja**
**tat-twelid.**

Minn tfuliti għaddejt għas-snin tal-irġulija u kburi nfakkar aktar 'il quddiem, id-Diskors li kont għamilt f'Jum il-Malta tas-6 ta' Settembru 1960 fl-inħawi tas-Civic Centre. Dak iż-żmien kienet drawwa sabiħa li qabel ma tittella' l-Malta fuq il-kolonna tagħha kienu jiġu mistiedna kelliema Sengleani li b'xi mod taw kontribut f'taqsima jew oħra tal-ħajja u l-wirt ċiviku, storiku-reliġjuż ta' beltna. Fosthom kien hemm il-kittieb u drammaturgu magħruf Erin Serracino Inglott li għalkemm mar joqgħod Bormla ma nesa qatt fejn twieled; persunalità oħra mill-Isla kien l-attur u esponent kbir tal-umoriżmu, Charles Clews. Dawn il-persunalitajiet u oħrajn taw kontribut siewi fid-diskors li għamlu quddiem l-istatwa tal-Malta.

Jekk inqallbu l-paġni tal-Istorja fejn tidħol l-Isla nsibu li l-Jum li jfakkar ir-Rebħa tal-Assedju l-Kbir kien imħares u meqjum sew qabel ma bdiet issir iċ-Ċereimonja tat-Tifkira quddiem il-Monument tal-Assedju l-Kbir fil-Belt Valletta. L-istatwa tal-Malta li ħarġet minn idejn l-istatwarju Senglean Karlu Darmanin li kienet miżmuma b'għożża mill-poplu li ma baqax lura milli jibni stejjer u aneddoti fuq l-isfond tal-folklor dwarha.

Ix-xbieha tagħha daħlet ukoll fil-piki parrokkjali li minn dejjem kienu jeżistu fil-Kottonera u nħawi oħra. Kienu jsejħulha "l-ħassiela" minħabba l-ilbies tagħha u l-kmiem imxammra kif għamilha Darmanin iżda b'kontro-kritika x-xniegħa kienet li ma kienx hemm isbaħ minnha qabel ma l-maltemp tal-1971 niżżilha darba għal dejjem minn fuq il-kolonna tagħha. Infakkar b'nostalġija u fl-istess ħin is-sogħba tiegħi u ta' oħrajn meta wara t-tmiem tal-festi li fakkru l-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Bambina, wara d-dħul tagħha fil-Bażilika, infetħu bwieb is-sema. F'dak il-lejl it-toroq tal-Isla raw bosta mit-tiżjin jinqered u l-aktar li laqtuha kienu wħud mill-profeti ta' fuq il-pedestall u l-Malta. Biex inkompli dwar fatti oħra isbaħ iżda b'rabta mal-folklor u l-kelma li titwassal minn fomm għall-ieħor ngħidu wkoll x'kien jintqal fuq Il-Malta. Meta xi ħadd ried jitfa' xi botti ta' disprezz fejn tidħol id-dehra fiżika tal-bniedem, kienu jagħżlu lil xi ħadd li n-natura ma kinetx ħanina miegħu jew magħha u fid-diskors, nieqes minn kull ħniena spiss kont tisma' l-frażi "ikrah jew kerha daqs dawk ta' taħt il-Malta!" Referenza ċara għall-erba' statwetti li jirrappreżentaw lit-Torok, magħmula b'mod li



fiżikament ma jiġbdu ebda simpatija. Dawn l-erba' Torok (kif kienu jissejħu) kienu jissemmew mhux biss fil-ġranet tal-festa iżda matul is-sena kollha, l-aktar b'xebh ma' mġiba ħażina tat-tfal bi tbeżbiża mill-ġenituri u l-kbar fil-familja. Ma niddejjaqx nislet kliem ziti li kienet toqgħod fi Strada Crocefisso li meta kont nagħmel xi waħda minn tiegħi kienet tbeżżagħni bit-Tork tal-Malta li "jiġi u jkaxkrek miegħu..." Statwetti tat-Tork kont issibhom f'xi rokna tat-taraġ u ta' tifel li kont, mimli b'immaġinazzjoni fertili kont nibża' nħares lejn dak li kellha z-zija għax kont niftakar fi kliemha. Il-frażi "xit-Torok trid?" kienet ta' sikwit tiżżeffen fuq xofftejn ta' dawk li jsaqsu lil min ma jifmhuhx jew lil xi tarbija mifqugħa b'xi b'bikja twila. Dawk il-kliem kienu sostitut flok kliem ieħor b'lingwaġġ li jżarżar fil-widna u li ma jixraqx li niktbuhom! Iżda għaliex kienu jissemmew it-Torok? Din kienet stigma li mxiet mal-Istorja, b'episodji fejn il-ġlied ewlieni kien idaħħal lin-nofs qamar kontra s-salib, fejn il-kelma Tork kienet tfakkar fil-ħakma tal-imgħoddi fil-Gżejjer Maltin, fejn il-furbani f'Għawdex, fl-1551 kienu kaxkru l-popolazzjoni kollha ta' rġiel u żgħażagħ lejn il-Barbarija għall-ħajja ta' lsiera. Insemmu biss fost ġrajjiet oħra mil-Istorja ta' pajjiżna l-Assedju l-Kbir li daħal fil-qofol ta' din ir-riċerka u kif Malta bix-xbieha tagħha daħlet b'eloġju mistħoqq fil-kuntest tas-sehem li kellha l-Isla fit-taqbid mal-għedewwa.

Il-maltemp tal-1971 li ġa ssemma u li qered il-kapolavur ta' Karlu Darmanin ma qeridx l-imħabba li s-Sengleani kellhom għall-Malta Rebbieħa għax ix-xbieha tagħha iżda mhux bilfors ir-replika reġgħet dehret fit-toroq tal-Isla. Forsi dawk li għebu kienu l-aneddoti fuq l-isfond tal-folklor fejn jidħlu t-Torok għax it-tfal m'għadekx tbeżżagħhom bil-babaw u t-Tork tat-taraġ għeb ukoll!

Fil-bidu ktibt li kelli l-okkażjoni nagħmel id-Diskors tal-Malta fl-1960 u wara li għaddejt il-ħsieb u fissirt ġrajjiet u an-eddoti b'esperjenza personali wasalt biex inqiegħed fil-prattika dak li emmint fih fejn tidħol l-identità ta' belt twelidi kull meta sibt okkażjoni li nitkellem. Id-Diskors Kommemorattiv deher kollu fil-ġurnal "Invicta" aktar tard f'dik is-sena. Bħala editur insemmi b'sens ta' għożża lill-mibki Manwel Abela li għalih l-Isla kienet kif ngħidu "l-mimmi ta' għajnejh."

Ser nieħu dawn is-siltiet kif ktibthom u kif dehru fil-ġurnal u fl-istess waqt nagħmlu reviżjoni tas-sehem li kellha l-Isla fl-Assedju l-Kbir tal-1565:

Sengleani,

Tafuh daqsi s-sehem li kellha l-Isla





fl-Assedju l-Kbir. Wara l-waqgħa ta' Sant'Iermu t-Torok riedu jkabbru r-rebħa u l-Isla kellha tilqa' l-isfida. Fis-7 ta' Lulju l-għedewwa fetħu l-ewwel ħbit tagħhom, Ħasan mill-art u Kandelissa minn fuq il-baħar. Madankollu ma naqsux il-qlubija tal-ewwel kompajżani tagħna. Is-Sengleani ta' qabilna tqabdu u mietu fuq is-swar imxura mill-qawwiet talgħadu u meta ma rnexxilhomx iġarrfu s-swar mill-baħar dawru l-ħruxija tagħhom fuq il-Forti San Mikiel. Xejn ma naqqas il-fehma tal-qalbiena għaliex kellhom f'qalbhom irrieda bla mittiefsa li jilqgħu l-isfida, jiġġieldu sa l-aħħar nifs u jħallu ħajjithon miktuba fl-istess demm tagħhom. Għalxejn l-għadu ġedded il-ħbit tiegħu tliet darbiet oħra. Flaħħar attakk fuq l-Isla, nhar l-ewwel ta' Settembru ġiegħel lill-Maltin u l-Kavallieri jtawlu l-agunija tagħhom. U kienu lesti jmutu fid-dell tal-bandiera Maltija. Kollox kien juri li filjiem li kienu ser jiġu wara kellha tintemm it-taqtigħa – iżda Marija Bambina kienet bħal qisha tgħodd il-jiem biex tara li nhar it-Twelid tagħha Malta tabilħaqq terġa' titwieled magħha....

Dik is-silta mid-Diskors fl-okkażjoni tat-tlugħ tal-Malta firxet it-triq biex il-miġemgħa li ħadet sehem f'din il-manifestazzjoni tifhem iżjed it-tifsir u s-siwi tal-jum nazzjonali u x'kien li wassal biex fix-xbieha ta' Malta Rebbieħa nilmħu l-qlubija ta' ħutna l-Maltin, Sengleani bħalna u kif din il-belt sa mill-ewwel snin tagħha tat sehem qawwi biex tħares il-wirt storiku-reliġjuż ta' pajjiżna. Mhux il-ħsieb tiegħi li nislet id-diskors kollu li l-folla miġbura segwiet u fejn tqanqlet mill-ħsibijiet mitkellma wriet apprezzament ukoll f'intervalli matul tad-diskors. Xtaqt iżda nieħu l-aħħar silta bl-għeluq kif wieħed jistenna:

Għaddew is-snin minn assedju ieħor li ġabet magħha t-Tieni Gwerra Dinjija li rat lill-Isla ġġarrab ħruxija, tigrif u mewt ta' wħud minn uliedha. L-Isla waqqgħet il-libsa ta' barra iżda ruħha ma ġġarrfitx. U jekk id-dehra minn barra wriet il-ġrieħi tal-1941, ma għaddiex żmien wisq u rajna jinbena mill-ġdid fuq il-pedestall tal-ewwel Sengleani, il-Monumrnt tar-Rebħa l-Kbira tal-1565 biex jgħaqqad ukoll is-siġill tat-Tieni Rebħa flistess dell tax-xbieha ta' Malta Rebbieħa

**U reġgħet l-aħħar ħolqa fil-katina**
**li torbot lil dil-belt mas-Sengleani**
**ħolqa ta' tifkiriet, ta' kemm Settembru**
**ħares lill-gżira tagħna mill-barrani**

Dawn huma l-kuruni tar-rand ta' Settembru! Għalhekk il-ħsibijiet tagħna llejla jingħaqdu mal-qadim u l-ġdid, in-niket mal-ferħ, it-twemmin tagħna mal-imħabba lejn art twelidna, fl-isfond tal-patruna tagħna, Marija Bambina. Kienu żewġ assedji li ntemmu fil-jum tagħha, bl-aħħar wieħed nhar it-8 ta' Settembru 1943 bl-aħbar fl-istess xatt fejn rifset għall-ewwel darba x-xbieha tal-Bambina tagħna.

Ħallejt fi tmiem id-Diskors tiegħi omaġġ lill-Isla u b'tama ta' ġejjieni aħjar:

**U f'din il-belt li kienet darba mwaqqgħa**
**tintemm illejla xewqa oħra tagħha**
**biex l-Isla tixgħel bħal ħuġġieġa f'daqqa!**

Fl-isfond tal-ġrajjiet sbieħ u oħrajn inqas sbieħ, fl-ilwien tal-folklor u t-tradizzjonijiet ta' pajjiżna ma ninsew qatt dak li għamel lil din l-Art tabilħaqq "Il-Belt Qatt Mirbuħa!"

